**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Gunju 2024**

**<u>Rikors Guramentat nru : 138/2020 AGV</u>**

**NM**

**vs**

**FM ;**

**U bìdigriet datat 16 taì Dicembru 2020,**

**AM intervjeniet fil-kawaza;**

**U bìdigriet iehor datat 7 taì Frar 2023,**

**l-istess AM giet estromessa**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- RIKORS GURAMENTAT** ta' NM

Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma **ILLI**:

<u>Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza</u>

1. Il-partijiet izzewggu nhar l-21 ta' Dicembru, 2013 u dan kif inhu kkonfermat mic-certifikat taz-zwieg tal-kontendenti hawn anness u markat bhala DOK A;

2. Minn dan iz-zwieg, il-kontendenti kellhom 3 itfal, HM , RM u DM li twieldu nhar l-10 ta' April, 2009, 25 ta' Jannar, 2013 u 30 ta' Awwissu, 2014 rispettivament (certifikat tat-twelid hawn annessi u markati bhala Dok B1, B2, B3);

3. L-intimat rrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet impossibbli permezz ta' ingurji gravi, sevizzi, vjolenza, mohqrija u glied ipperpetrati minnu kif ukoll talli zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lilu u dan kif ser jigi ippruvat fil-kors tal-kawza;

4. Minkejja l-isforzi tal-esponenti, il-kontendenti naqsu milli jilhqu ftehim dwar il-firda personali ta' bejniethom, l-istess ftehim baqa' ma sehhx unikament sforz ir-rezitenza assoluta tal-intimat u ghaldaqstant jehtieg l-intervent ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex issir din il-firda personali.

5. L-esponenti giet debitament awtorizzata tipprocedi bil-kawza, odjerna permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 16 ta' Lulju, 2020, hawn anness u markat bhala Dok C .

<u>Raguni tat-Talbiet;</u>

1. Ghar-ragunijiet premessi, u peress illi l-medjazzjoni bejn il-kontendenti ma kellix ir-rizultati mixtieqa, l-esponenti ma kella l-ebda ghazla ghajr illi tipprocedi kontra l-intimat f'din l-istanza.

Talbiet:

**Jghid ghalhekk l-intimat, 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa necessarja u opportuna:**

1. Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg odjern, ghal dawk ir-ragunijiet indikati fir-rikors odjern, jew liema minnhom, u li a bazi taghhom qieghda tintalab il-firda personali bejn il-kontendenti.

2. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija u/jew ghar-ragunijiet ohra li jistghu talvolta jirrizltaw fil-kors tal-kawza.

3. Tistabilixxi d-data meta l-intimat ghandu jigi kkonsidrat li kkaguna il-firda bejn il-kontendenti u tapplika *in toto* jew *in parte* kontrih l-artikoli 48, 51, 52 u 53 tal-Kodici civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni, tenut kont kemm tal-attiv kif ukoll tal-passiv konsistenti l-istess;

5. Tillikwida ukoll kull kreditu tal-istanti versu l-komunjoni tal-akkwistu u l-intimat sabiex sussegwentement tiddividi l-bilanc formanti l-istess komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet, okkorendo bl-opra ta' periti

nominandi sabiex jaffetwaw kull likwidazzjoni mehtiega u jipproponu pjan ta' divizjoni;

6. Tassenja l-istess porzjonijiet wahda lil kull parti;

7. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat kien u ghadu f'obbligu illi jhallas sehmu u cioe' nofs mill-passiv kollu gravanti l-komunjoni tal-akkwisti; tordnalu konsegwentement tirrifondi lill-istanti kull hlas imwettaq minnha akkont ta' sehem l-intimat mill-passiv gravanti l-komunjoni tal-akkwisti.
8. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti ghanda tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri u dan fl-interess suprem taghhom.

9. Tordna illi l-minuri jirrisjedu permanentement flimkien mar-rikorrenti.

10. Jekk kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti ma jidhirlix illi ghandha tilqa t-tmienja u l-disa' talba, in kwantu din tikkoncerna li l-esponenti tigi fdata bil-kura u kustodja u li l-minuri jirrisjedu permanentement flimkiem mar-rikorrent, tordna u tiffisa modalita' ta' access ampju favur ir-rikorrenti ghall-minuri u dan tenut kont tac-cirkostanzi.

11. Tiffissa retta alimentari dovuta lir-rikorrenti mill-intimat versu l-htigijiet tal-minuri, liema somma tkun tinkludi fiha u tkopri kontribut dovut mill-intimat versu l-htigijiet edukattivi u medici u versu l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri u tordna lill-istess intimat ihallas dik ir-retta alimentari hekk kif stabbilità minn din l-Onorabbli Qorti, u dan skont dawk il-modalitajiet illi din l-istess Qorti jidrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi, inkluz b'inkrement perjodiku fl-istess retta alimentari versu z-zieda fil-gholi tal-hajja.

12. Tawtorizza lill-attrici sabiex tibda tippercepixxi tali manteniment direttament mill-paga tal-intimat jew minn xi dipartiment jew awtorità li minghandha jkun qed jircievi xi forma ta' introjtu u/jew beneficcju.

13. Tiddikjara u tiddeciedi illi kwalunkwe assistenza statali mhallsa versu l-htigijiet tal-minuri tibda tigi percepita mir-rikorrenti ad eskluzjoni tal-intimat.

**Bl-ispejjez kontra l-intimat illi huwa minn isa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Rat ir- Risposta Guramentata taì FM ;**

**Jesponi bir-rispett:**

1. Illi, l-esponent ma joggezjonax li tigi pronunzjata separazzzjoni bejn il-kontendenti kif mitlub fl-ewwel zewg talbiet pero mhux bìtortijiet imputabbli lilu izda tort tal-attrici minhabba li abbandunat d-dar matrimonjali minghajr raguni valida u dan apparti ragunijiet ohra kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u trattazzjoni ta ídin il-kawza.

2. Illi l-esponenti jopponi ghat-tielet talba, minhabba li s-sanzzjonijiet hemm imsemmija ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-attrici u mhux fil-konfront tieghu.

3. Illi l-esponet ma joggezjonax ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tìakkwisti kif mitlub fir-rabaì , hames, u sitt talbiet purcheì li jigu applikati kontra l-attrici s-sanzzjonijiet imsemmija fit-tieni eccezzjoni.

4. Illi l-esponenti jopponi ghas-sebaì talba stante li l-attrici ma hallset l-ebda dejn tal-komunjoni.

5. Illi l-esponenti jopponi ghat-tmien u disaì talba, u dan stante li l-attrici mìhijiex fìposizzjonijiet mentali u fizika li tigi fdata bil-kura u kustodja taì uliedha. Il-Qorti diga apprezzat dan kollu u fil-fatt bìdigriet moghti fl-atti tal-Medjazzjoni li pprecediet din il-kawza inghatat bìpermess taì digriet fejn tfal gew fdati fil-kura u kustodja taì oht l-esponent, cioeì AM

6. Illi dawn l-ghaxar talba , l-esponent ma jistax ma jesprimiex il-preokkupazzjoni tieghu ghaliex l-ahhar darba li l-attrici uriet xi interess fì access versu l-minuri ,kien madwar tlett snin ilu u allura jekk jibdaì l-access issa dan se jkun aktar ta ítrawma ghat-tfal milli taì gid ghalihom. Madanakollu, jekk din il-Qorti thoss li ghandu jkun hemm access, almenu tali access ghandu jkun biss taht supervizzjoni stretta.

7. Illi l-esponent jopponi ghall-hdax u tnax it-talba dan stante li la darba l-minuri qed jigu mrobbija minn ohtu u mhux minn l-attrici ghandha tkun l-attrici li tivversa manteniment lill-esponent lill-ohtu ghall-minuri . Fil -fatt digaì hemm digriet fejn l-attrici hija tenuta taghha manteniment taì Euro 400 fix-xahar lill-oht l-esponent.

8. Illi huwa jopponi ghat-tlettax it-talba peress illi l-minuri jigu mrobbija minn ohtu AM kien digaì inghad hawn fuq.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rat il- Kontro-talba taì FM ;**

**Jesponi bir-rispett:**

1. Illi l-kontendenti izzewgu fil-21 taìDicembru 2013 u dan kif inhu kkonfermat mic-certifkati taz-zwieg tal-kontendenti;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom 3 itfal, HM , RM u DM li twieldu nhar l-10 tìApril 2009, 25 taì Jannar 2013 u 30 taì Awwissu 2014 rispettivament;

3. Illi z-zwieg sfaxxa minhabba abbandun u ragunijiet serji ohra imputabbli mill-attrici;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja separazzjoni personali taì bejn il-kontendenti, minhabba tortijiet imputabbli lill-attrici.

2. Tafda l-kura u kustodja tat-tfal minuri HM , RM u DM lill oht l-esponent cioeì AM .

3. Tiffissa retta alimnetarja pagabbli bhala manteniment ghall-minuri u pagabbli lill-oht l-esponent,  AM

4. Tapplika sanzjonijiet ikkontemplati fil-ligi kontra l-attrici minhabba li hija hatja tal-firda.

5. Tillikwida l-komunjoni ta l-akkwisti u taqsamha fi zewg porzjonijiet tassenja sehem lil kull wiehed mill-kontendenti.

**Rat ir-RISPOSTA GURAMENTATA** ta'  NM  ghal kontro talba ta'  FM ;

Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma **ILLI**:

1. L-attrici rikonvenzjonata tikkonferma li l-partijiet izzewgu nhar il-21 ta' Dicembru 2013 u minn dan iz-zwieg  kellhom 3 itfal, H M  , RM  u  DM .

2. Fir-rigward tal-ewwel talba rikonvenzjonali, l-esponenti taqbel illi ghandha tigi ippronunzjata l-firda personali bejn il-kontendenti, dan mhux ghar-ragunijiet imputabbli lila izda ghar-ragunijiet imputabbli unikament lil zewgha u dan ghar-ragunijiet sottomessi fir-rikors guramentat tal-attrici.

3. Fir-rigward tat-tieni talba rikonvenzjonali, din ghandha tigi michuda billi m'hemm l-ebda raguni valida li ghandha twassal sabiex l-attrici rikonvenjonata tigi zvestita mill-kura u kustodja ta' uliedha u fit-tieni lok,

huwa fl-interess tal-minuri illi l-kura u kustodja tigi vestita f'idejn l-attrici rikonvenzjonata, li hija ommhom u mhux lil terzi.

4. Fir-rigward tat-tielet talba rikonvenzjonali, din hija konsegwenzali ghad-decizjoni dwar ir-residenza tal-minuri u f'kaz li jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi huma jirrisjedu mal-esponenti, ghandu jkun l-intimat Fredrick Mifsud li jhallas retta alimentari versu l-minuri iffissata min dina l-Onorabbli Qorti li tkun tinkludi fiha jew separatament, l-ispejjez in konnessjoni mal-edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari taghhom.

5. Fir-rigward tar-raba' talba, din ukoll ghandha tigi michuda stante li ma jikkonkorrux l-estremi legali ghal applikazzjoni tad-dettami kontemplati fl-artikoli 48 sa 52 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Riferibbilment ghall -hames talba, l-attrici rikonvenzjonata taqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti ghandha tigi dikjarata xjolta, likwidata u diviza, dan pero' fit-termini tat-talbiet attrici ,li tresqu minnha fir-rikors guramentat u mhux kif gie indikat mill-konvenut.

7. Salv eccezzjonijiet ohra talvolta mehtiega u permessi mil-Ligi.

Rat ir-rikors ta' A M datat 14 ta' Dicembru 2020 fejn talbet li tintervjeni fil-kawza odjerna ai termini tal-artikolu 960 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u b' digriet datat 16 ta' Dicembru 2020 , il-Qorti laqghet it-talba.

Rat id-digriet sussegwenti, datat 7 ta' Frar 2023, fejn giet ordnata l-estromissjoni tal-istess AM

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ir-rapport tal-Agenzija Appogg datat 6 ta' Mejju, 2016. [1]

Rat ir-Rapport tal-Foundation for Social Welfare Services.[2]

Rat in-Nota tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal datat 12 ta' Ottubru, 2021.[3]

Rat in-Nota tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal datat 17 ta' Novembru, 2021.[4]

Rat in-Nota mit-Taqsima tal-Court Services fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal.[5]

Rat ir-Rapport tal-Court Services fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal.[6][7]

Rat in-Nota mit-Taqsima tal-Court Services fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal datat 14 ta' Gunju., 2022.[8]

Rat in-Nota mit-Taqsima tal-Court Services fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal datat 11 ta' Ottubru, 2022.[9]

Rat in-Nota mit-Taqsima tal-Court Services fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal datat 11 ta' Jannar, 2023.[10]

Rat in-Nota mit-Taqsima tal-Court Services fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal datat 19 ta' April, 2023.[11]

Rat in-Nota mit-Taqsima tal-Court Services fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal datat 22 ta' Mejju, 2023.[12]

Rat in-Nota mit-Taqsima tal-Court Services fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal datat 12 ta' Settembru, 2023.[13]

---

[1] A fol. 62
[2] A fol. 61 138/20
[3] A fol.232
[4] A fol. 340
[5] A fol. 425
[6] A fol. 425
[7] A fol 432
[8] A fol. 542
[9] A fol 554
[10] A fol. 582
[11] A fol. 633
[12] A fol. 676
[13] A fol. 703

Rat ir-Rapport ta' Corinne Cilia datata 27 ta' Dicembru, 2023.[14]

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**<u>Fatti</u>**

1. **L-attrici** kienet damet tohrog mal-konvenut ghal cirka hdax-il sena. Kienu jahdmu t-tnejn u mbaghad ghamlu zmien jinqassmu bejn ighixu mal-familiji rispettivi.

   Fl-2009 kellhom l-ewwel wild taghhom H u minhabba dak iz-zmien kienu jghixu mal-genituri tal-konvenut u kien ikun hemm il-glied, ried imur ighix go post mikri. Kien minn hawn li bdew il-problemi  u dan peress li malli marru jghixu fil-kera, il-konvenut iddecieda li ma riedx jahdem izjed u kellha tohrog tahdem hi u tlahhaq bit-tarbija.

   Saret taf ukoll li f'dan il-perjodu, il-konvenut kien qed jaghmel id-dejn mal-hwienet tax-xorb u s-sigaretti. Minhabba li l-paga ma kinitx qed isservi, il-konvenut ried li jergghu jmorru jghixu mal-genituri tieghu. Kien hawn li t-tieni wild taghhom kien twieled mejjet u l-attrici tant kienet haditha bil-kbira u kellha *depression* qawwija, tant li kellha tigi rikoverata l-isptar ghall-kura ghal tlett gimghat. Il-konvenut beda jghajjarha mignuna u li kienet qatlet it-tarbija li fil-fatt mietet minhabba li kien dar il-kurdun. Kienet thoss hafna meta kien ighajjarha u ghalhekk marret tghix ghand

[14] A fol. 727

ommha u kienet hadet it-tifel, izda l-konvenut kien hadulha u ma kellix alternattiva u wara erbat ijiem marret lura mieghu.

Kienu jghixu ghal darb'ohra ma' omm il-konvenut u kienet regghet harget tqila bit-tielet tarbija u wara li twieled it-tifel R , il-konvenut kien qallha li ser jibda jahdem go barriera. Wara li marret lura ghand ommu ndunat li l-konvenut kien hadilha l-flus li kienet warrbet u nefaqhom fix-xorb. Kienu anke ddecidew li jikru post is-Siggiewi ghax biex toqghod mal-genituri tal-konvenut kienet spiccat li kellha thallas anke l-kirja taghhom.

Sakemm damu sena jghixu s-Siggiewi ndunat li ma kien minnu xejn li l-konvenut kien qed jahdem gewwa barriera ghax kien jirritorna lura d-dar minghajr trab u kien ikollu riha ta' xorb u anke kien jigi lura d-dar fis-sakra.

Kien hemm okkazjoni fejn kellu incident u meta l-pulizija ghamlulu *breathalyser test* sabuh fis-sakra. Kellu multa ta' €2500 li ma hallasx sallum u anke €2000 tal-incident li ma hallasx. F'dan il-punt regghhet riedet tmur tghix ma' ommha, izda l-konvenut kien beda jheddidha li ser jehodilha lit-tfal.

Ghalhekk meta kien talabha biex jizzewwgu kienet accettat sabiex tassikura l-kura u kustodja tat-tfal. Fil-21 ta' Dicembru, 2014, kienu zzewwgu u kellhom it-tielet wild D . Kienu marru jghixu mal-familja tal-konvenut izda beda hafna ndhil u ghalhekk sabet post l-Qajjenza u krietu biex imorru jghixu hemmhekk. Sabet anke impjieg bhala *cleaner* mal-Water Services.

Il-konvenut kien ighaddi l-iljieli barra jixrob u jidhol fis-sieghat bikrin ta' filghodu. Beda anke l-vizzju tal-loghob.

Insertat gurnata minnhom li marret xoghol kienet cemplitilha oht il-konvenut A biex tinfurmawha li kienu hadu lit-tfal u ma kinitx ser tarahom izjed. Per konsegwenza kienet fethet proceduri l-Qorti biex tibda s-separazzjoni u dan kien f'Ottubru 2015 u sa dak iz-zmien kienet ilha erba' xhur ma tara lit-tfal. Tinkwieta peress li kollha ibatu mill-*asthma*. Redeemer ghandu problemi biex jitkellem u ghandu bzonn *speech therapy* u l-konvenut infurmaha li mhux ser ikompli jiehdu. Apparti minn hekk, ommu tbati mill-pressjoni u gieli jtiha hass hazin u tinkwieta meta t-tfal ikunu maghha.

Illum li l-attrici ghandha lil R  u anke lil D maghha tghid li partikolarment R  ighidilha li jiddispjacih li ma kienx ikellimha l-Appogg, izda huh H  ma kienx ihallih.

Issemmi l-incident li sehh fl-1 ta' Mejju, fejn R  beda jircievi messaggi fuq is-sistema ta' Teams u fuq parir tal-avukat kienet marret ghamlet rapport l-Ghassa. Dakinhar beda jibza t-tifel peress li zijtu  A  kienet hemm. Tinnega li l-partner taghha R sawwat lil A .

2. **Il-konvenut** jixhed u jghid li dejjem kien persuna habbrieki, bil-ghaqal u bniedem tar-rispett. Kien dam tlettax-il sena gharus mal-attrici, imbaghad izzewwgu fl-2013. Jghid li l-attrici qatt ma hadmet u ddecidiet li tmur tahdem biss xahar qabel ma telqet mid-dar.

Jghid li l-gherusija kienet tajba u anke fiz-zwieg l-attrici kienet omm tajba u mara sewwa, izda z-zwieg beda jisfaxxa peress li l-attrici ma kienet taghmel xejn id-dar u kienet tghir ghalih u waqt l-argumenti qatt ma rnexxielha ssib kompromess.

Il-bqija tax-xhieda tal-konvenut hija b'kelma b'kelma l-istess bhal ta' ohtu A M .

Jzid jghid ukoll li meta l-attrici kienet staqsiet lil ommha sabiex tghidilha min hu missierha u ommha rrifjutat, l-attrici marret sabiex ittemm hajjitha b'suwicidju u minn dakinhar baqghet tiggrava u bdiet tfittex l-iskieken u diversi bibien u twieqi biex taqbez. Minn hawn kienu bdew jippruvaw ighinuha, izda ghalkemm ohtu applikatilha ghal Mount Carmel ma kinux accettawha u beda jipprova jara kif jista' jibdilha l-kura, izda qatt ma kellha r-rieda.

3. **Rebecca Formosa**, *speech language pathologist* tikkonferma li hi ssegwi lill-minuri R  u tikkonferma li tahdem fil-Health Department. Tghid li l-ewwel darba li kienet ratu kien f'Settembru, 2015. Bhala attendenza ma kinitx wahda regolari u z-zija ta' R kienet ikkuntatjatha sabiex tavzaha li seta' jkun hemm okkazzjonijiet fejn kienet ser takkumpanja lill-minuri jew huha l-konvenut. Kien hemm ftit okkazzjonijiet fejn akkumpanjatu, izda iktar m'attendix milli attenda.

Izzid tghid li anke l-attrici kienet ghamlet kuntatt maghha biex tivverifika sabiex tara jekk il-minuri kienx qed jattendi ghas-sezzjonijiet. Kienet anke nfurmatha li kellha l-kura u kustodja konguntiva.

Diment li ma talbuhiex appuntament iehor mhumiex obbligata li jaghtu appuntament iehor.

4. **Dr. Andri Billy**, spjega li kien ircieva *referral letter* fuq R minhabba problemi relatati ma' *speech u literacy* u dan kien f'Lulju, 2015. Kien ra l-minuri fl-14 ta' Awissu, 2015 u kien irrakkomanda li kellu jibqa' jsegwi l-*ispeech and language therapy* mal-CDAU Department.

5. **Margaret Muscat**, senior nurse mad-Dipartiment tal-Kura kkonfermat li dwar ir-rekords tat-tilqim jirrizulta li ma kienux *up to date* u li kien hemm sa October, 2015. Kien hemm neqsin ta' Frar u Marzu, 2016 u kien jonqsu jiehu t-tieni doza tal-MMR. [15]

   Ipprezentat ukoll ir-rekords tat-tilqim ta' D . [16]

   Tikkonferma ukoll li t-tilqim jista' jinghata privatament, izda l-privat mhux dejjem kienu jinfurmawhom.

6. **Joseph Saliba**, in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-*employment history* taz-zewg partijiet[17] u jikkonferma li l-konvenut mhux qed jahdem u lanqas mhu qed jirregistra ghax-xoghol.

---

[15] Dok. MM 1
[16] Dok. MM 2
[17] Dok. JS 1 u JS 2

7. **Dr. Ethel Felice** fil-kapacita' taghha ta' *Consultant Psychiatrist* u ilha tikkura lill-attrici sa mis-sena 2013 peress li kellha d-dwejjaq u dan kien rizultat ghax kellha *stillbirth* sentejn qabel. Kienet fil-*psychiatric unit* l-Isptar bejn it-23 ta' Awissu u t-2 ta' Settembru, 2013.

   Tikkonferma li l-iktar problema li kellha l-attrici kienet li kien ikollha perjodi ta' *depression* fejn hi thossha mdejjqa u ma trid taghmel xejn u jkollha *bed-seeking behaviour*. Bil-kura li kienet tiehu qalbet ghall-ahjar. Il-*bed seeking behaviour* hija parti mid-*depressive episode* u l-kura hija li inti taghti *anti-depressants* u taghtiha pjan fejn hi bil-mod il-mod tibda taghmel affarijiet zghar, imbaghad izzid skond il-bzonnijiet.

   Tispjega li baqghu jsegwuwha u kienet tmur Hal-Qormi Health Centre l-Mental Health Clinic fejn ikun hemm is-*social worker* li kienet isegwiha, li kienet tmur id-dar taghha sabiex tara l-bzonnijiet taghha. Tikkonferma ukoll li kienet taf li dak iz-zmien, bejn il-partijiet kien hemm hafna dizgwid u l-attrici kienet telqet mid-dar u marret toqghod ghand ommha.

   Tishaq li l-ahhar li rat l-attrici kien fil-5 ta' April, 2016 u meta ratha l-ahhar ma kinitx imdejjqa, l-aptit kien tajjeb u kienet torqod bil-lejl. Kienu waqqfu l-hsibijiet li riedet tmut u lanqas ma kienet anzjuza kif ukoll ma kienx hemm sintomi li mhux *in touch* mar-realta'. Ma kienx hemm psikozi. Kienet anke bdiet tahdem *part-time* u l-unika haga li kellha kienet li qed timmissja lil uliedha ghaliex kienet tarahom darba fil-gimgha.

Izzid tghid ukoll li meta kienet taraha kienet qed tiehu dosa qawwija ta' *anti-depressants*. Tispjega li llum mhix ta' periklu ghaliha u haddiehor, ghaliex psikosi m'hemmx u kkurat id-*depression*.

8. **Charmaine Scicluna**, social worker mal-Agenzija Appogg li tikkoordina l-access ghal mal-attrici u ggib il-*feedback* minghand is-supervisors li jkunu prezenti. Tghid li l-*feedback* huwa wiehed pozittiv u li l-attrici ghandha l-*iskills* necessarji mat-tfal u ma tantx ikun hemm bzonn intervent minn naha tas-*supervisors.*

9. **Josef Camilleri** supervisor mal-Agenzija Appogg li jkun prezenti waqt l-SAV's mal-attrici u jghid li l-attrici ghandha *parental skills* tajbin, Tilghab mat-tfal u anke ssaqsihom kif inhuma sejrin l-iskola u l-imgieba tat-tfal hija tajba ukoll u jfittxu lil ommhom.

   Tispjega lin-nanniet paterni jgibu lit-tfal l-Appogg, imbaghad tghaddilhom lill-attrici. Gieli jkun hemm familjari tal-attrici u t-tfal jintegraw maghhom b'mod tajjeb.

10. **WPC 126 Isabelle Galea** pprezentat ghaxar rapporti li saru mill-partijiet bejniethom. Ir-rapporti kienu saru l-Ghassa tal-Hamrun.

11. **Charmaine Zerafa** ghan-nom tal-Agenzija Appogg ikkonfermat illi wara li tkellmu ma' kulhadd involut waslu ghall-konkluzzjoni li fl-ahjar interess tat-tfal, iktar milli jkun hemm access, issir terapija l-ewwel b'mod individwali ghax inkella ssir hsara.

Tispjega li l-ahwa bejniethom huma maghqudin u l-kbar jinfluenzaw liz-zghar li pprezentaw ritratt negattiv ta' ommhom. Iz-zghar in partikolari m'ghandhomx idea ta' *mummy*.

Hemm kristallizzata l-ideja li ommhom abbandunathom, partikolarment fil-kbir u t-tfal jiddependu fuq xulxin biex jiehdu decizjoni.

Dwar l-ambjent fejn qed jitrabbew it-tfal jidher li huwa ambjent tajjeb, Ikunu maz-zija paterna u jekk tkun xoghol ikunu ghand in-nanniet paterni.

Illum li t-tfal qedghin maghha, l-attrici tghid li t-tfal iz-zghar jattendu attivitajiet extra-kurrikulari bhal sports, football u scouts. Dwar H tghid li ser jibda kors ta' computing. Tikkonferma li hi tigbor it-tfal ghax tahdem il-hinijiet tat-tfal.

Bhala xoghol tghid li tahdem bejn id-9 am sa nofsinhar u fejn ma tlahhaqx tghinha ommha. Tispjega li marret tghix m'ommha f'post tal-Housing u maghhom ighix ukoll il-partner taghha. Tghid li t-tfal jirrispettawh hafna u addiritura jsejhulu papa.

Tghid li bhalissa t-tfal mhux disposti li jiltaqghu ma' missierhom. Dwar *id-depression* taghha tghid li llum rkuprat u m'ghadhiex tiehu kura u lanqas ghadha ma tmur ghand Dr. Ethel Felice.

Tikkonferma li meta ma kellhiex l-kura u kustodja tat-tfal kienet thallas anteniment li ghall-ewwel kien jammonta ghal €600, imbaghad tnaqqas ghal €450.

Illum tghid li H  jiskuza ruhu maghha u jghid li ma kinux ihalluh imur maghha.

12. A M  **oht** il-konvenut tispjega li fiz-zmien li l-konvenut kien johrog mal-attrici kien bniedem habbrieki, filwaqt li l-attrici qatt ma riedet tahdem, hlief ghal xahar qabel ma telqet mid-dar.

Tikkonferma li l-attrici u l-konvenut kienu jghixu mal-genituri tieghu u minn dejjem l-attrici kienet aggressiva u kienet tohloq l-inkwiet, sa kienet anke ssawwat lill-konvenut. Izzid tghid li ta' sikwit l-attrici kienet taghmel attentati ta' suwicidju u kienu huma li kienu jaghtu sapport lill-attrici, ghaliex il-familja taghha ma kinux jaghtuha wens.

Meta saret taf li l-attrici kienet qed tistenna tarbija kienet kuntenta hafna u kienet takkumpanjaha ghand it-tabib.

Tghid li l-attrici minn dejjem kienet irresponsabbli u dejjem kienet iserrah fuqha sabiex tiehu hsieb it-tfal. Kienet dejjem tipprova taghmel suwicidju anke jekk kellha lil H ta' ftit snin u R tarbija. Tispjega li H kien ikun iktar maghha milli ma' ommu. Tghid li H hafna drabi kien incemplilha sabiex imur ghandha ghax l-attrici kienet qed twegghu. Darba l-attrici kienet qasmitlu rasu u anke kienet qalghatlu idejh. Jekk kien jigri xi haga l-iskola kienet hi li kienet tiehu hsieb. L-attrici lanqas qatt ma hadithom il-Muzew jew l-iskola u kienet tiehu hsieb kollox hi.

Tishaq li meta l-attrici kienet tiehu lil H ghand il-familja taghha s-sitwazzjoni ma kienet xejn sabiha ghaliex kien ikun hemm hafna irgiel, ziijiet tal-attrici u min minnhom kien jixrob jew jiehu d-droga u dan ma kienx ta' ezempju tajjeb ghall-minuri.

Isemmi li darba kien sehh incident fejn l-attrici kienet halliet il-minuri m'ommha u din kienet poggiet lill-minuri fil-banju u bdiet twaddablu l-mishun, tant li nstamat. L-attrici qatt ma kienet thobb lil uliedha u kienet isawwathom.

Meta kien hemm perjodi u kienu jghixu maghhom, kienet hi li kienet tqum jekk jigri xi haga lil H u l-attrici kienet tibqa' rieqda. Kien hemm okkazzjoni fejn l-attrici tant gibdet f'dirghajn H li qalghatilu minn postu.

Tghid li kienet tiehu lil H maghha anke ghall-*weekend breaks* u kienet titlob il-permess tal-genituri. Kien hemm okkazzjoni fejn H ried imur ighix maghha ghaliex kien iggieled mal-attrici u qal li kienet keccietu.

Tispjega li l-attrici kienet tilfet it-tieni wild li kienet tifla. Dak iz-zmien kienu l-familja tal-konvenut tas-sapport ghaliha u mhux il-familja taghha, li lanqas m'attendew ghall-funeral. Meta l-attrici kienet ser twelled it-tielet tarbija kienu talbu lil omm l-attrici sabiex takkumpanjaha, izda kull m'ghamlet kienet li tgerger ghax l-attrici damet ma welldet u kienet qed tahli l-hin.

Ghalkemm it-tfal kienu jbatu mill-*asthma*, l-attrici xorta kienet baqghet tpejjep.

Izzid tghid li l-attrici bdiet tbati minn depressjoni qawwija meta ommha rrifjutat tghidilha min hu missierha. Kien hemm erba' okkazzjonijiet fejn l-attrici kienet tohrog mid-dar u ma tigix lura u bdiet thedded li ser taghmel suwicidju. Ghakemm kienu tkellmu ma' omm l-attrici dina ma kinitx disposta li tiehu hsiebha u ghalhekk haditha maghhom id-dar. Il-problema kienet li bdew jibzghu jhalluha wahedha d-dar bit-tfal. Tghid li kienet tibghat lill-attrici ghand Dr. Vella Baldacchino u kienet thallas hi. Kienet anke ppruvat idahhal lill-attrici fl-Isptar Mount Carmel, izda ma sabitx post.

Meta dahlet Mount Carmel eventwalment kienu jmorru jarawha kuljum u kienu jiehdu lit-tfal. Ftit wara t-tobba bdew ihalluha tmur id-dar fil-*weekends* u ghalhekk kienu jorganizzaw xi attivita' u kienu jistiednu lill-familja tal-attrici.

Kienet tip ta' persuna li kienet il-hin kollu titlobhom il-flus u riedet lill-konvenut jahdem minghajr ktieb sabiex tkun tista' tirregistra ghall-beneficcji socjali. Dak iz-zmien l-attrici kellha l-paga tal-konvenut f'idejha, hwejjeg li kienu jaghtuha l-Appogg, kellha l-ghajnuna socjali u kellha ukoll *vouchers* mill-Appogg stess. Izid tghid li l-attrici kellha sekwestru mal-Vodafone u kienet issarraf ic-cekk tar-*relief* minn fuq l-idejn u ftit jiem wara tkun nefqet kollox. Kienet anke tahdem bhala *cleaner* ghand wiehed li kellhu ohtu tbati mid-*dementia*. Tghid li l-attrici kienet serqitilha l-pensjoni. Anke meta kienet tahdem mal-Water Services kienet iggib id-dar oggetti misruqin. Meta bdiet tahdem mal-Water Services

kienet tiehu hsieb lit-tfal u anke tmur ghalihom wara l-iskola u l-attrici lanqas kienet thallas ic-*childcare centre* u kienu jispiccaw ihallsu huma.

Tghid li l-attrici kienet taghmel id-dejn billi tixtri l-karozzi u tipparkja bl-addocc, tant li spiccat b'xi €700 citazzjonijiet, li spiccat hallsithom hi.

Tispjega li l-attrici kienet infidila lejn il-konvenut, izda qatt ma kienet tkellmet peress li kellhom it-tfal zghar. Izzid tghid li l-konvenut kien ghajjien hafna jiggieled mal-attrici u spicca li kellu jmur jara lill-psikjatra Dr.Vella Baldacchino, filwaqt li l-attrici spiccat Mount Carmel. Wara s-separazzjoni tghid li l-konvenut qabad il-vizzju tax-xorb.

Tishaq li t-tfal kienu jibku hafna meta kienu jkunu ghand in-nanniet materni. Meta kienet tqila b'D , ommha kienet keccietha mid-dar u marret tghix maghhom, tant li kienu rrangawlha kamra tas-sodda ghat-tifel, Dak iz-zmien il-genituri kienu jhallsu l-kontijiet tat-tv u zzid tghid li l-attrici kienet taghmel id-dejn ma' tal-hwienet u tiddejjen.

Ittenni li l-attrici kienet xtrat il-*pushchair* ta' D mic-*childrens allowance* u kif telqet bieghetu minn fuq Facebook. Kienet tberbaq il-flus ukoll.

Meta l-konvenut kien beda l-proceduri ta' separazzjoni, il-Qorti mill-ewwel kienet ordnat li t-tfal ghandhom jibqghu mal-konvenut. It-tifel H ma riedx jaf b'ommu u lanqas riedha tattendi ghall-precett tieghu.

Kienet thallas ukoll ghall-*ispeech therapy* u anke sabiex jikkuraw l-*asthm*a. Meta mbaghad xtrat il-post taghha u t-tfal marru jghixu maghha kienet

thallas ghal kollox mit-trasport ghall-iskola u anke ghall-attivitajiet extra-kurrikulari.

Tghid li hi qed tiehu hsieb it-tlett itfal minuri u tixtieq tkompli taghmel hekk. Tghid li tahdem *self-employed* mal-Freeport u part-time mas-sorijiet sabiex tista' tlahhaq bl-ispejjes tat-tfal u l-loans.

13. **Saviour Theuma**, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta dokumentazzjoni dwar beneficcji li qed jircievu l-partijiet.[18]

14. **Joseph Saliba**, in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-*employment history* tal-attrici.[19]

15. **PC 491 Gabriel Portelli**, ipprezenta disa' rapporti li saru fl-Ghassa tal-Hamrun.[20]

16. **PS1515 Austin Magro Scerri** pprezenta l-fedina penali tal-partijiet.[21]

17. **SG** , omm l-attrici tispjega li sakemm il-partijiet kellhom it-tfal ir-relazzjoni bejniethom kienet wahda tajba. Tghid ukoll li hi minn dejjem kellha relazzjoni tajba mal-attrici u man-neputijiet, tant li kienet il-parrina ta' R. Tispjega li l-attrici kienet tghidilha li l-konvenut kien jixrob u kien isawwatha.

---

[18] Doks. ST1 u ST 2
[19] Dok. JS 1
[20] Doks. GP 1 sa GP 9
[21] Doks. PS 1 u PS 2

Kien biss meta l-attrici kienet tqila bit-tifla N  li l-konvenut ma hallihiex tkellimha u fil-fatt kien biss wara li sar il-funeral ta' N , li twieldet mejta li saret taf b'dan.

Tispjega li l-kontendenti kienu ghamlu zmien ighixu maghhom u dan minhabba li l-attrici kienet tahdem u l-konvenut ma kienx ighaddilha flus, tant li ma bdewx ilahhqu bil-kera. Tghid li kienet l-attrici biss li kienet tiddedika l-hin taghha ghat-tfal u anke tiehu l-inizjattiva li torganizza l-affarijiet ghat-tfal.

Izzid tghid li l-konvenut kien ghamel id-dejn mal-hwienet ta' magenbhom minhabba li kien jixtri l-birer u sigaretti u ma kienx ihallas u b'dan kien avzaha wiehed mis-sidien tal-hwienet fil-vicinanzi. Kien anke jmur fil-kazini u jaghmel id-dejn hemm.

Wara li mietet N ,  is-sitwazzjoni marret ghall-aghar ghaliex il-konvenut kien jiggieled iktar mal-attrici u kien anke jghajjarha mignuna. Dan kien isir anke fil-presenza taghha.

Billi l-konvenut ma kellux flus jew il-ftit li kellu kien jonfoqhom fuq alcohol jew sigaretti jew jilghabhom, kien anke gieghel lil H  it-tifel jisraq minn tal-Lira u dan tafu ghax kien fetah qalbu maghha H .

Tichad dak allegat minn  AM ,  li kienet poggiet lit-tifel H taht *shower* bil-mishun miftuh, izda kienet qed tlestilu l-*bottle* u hallietu fil-mishun u kien il-minuri stess li waqqghu fuqu u spicca biex instamat.

Tikkonferma ukoll li meta kien isir l-access taht supervizjoni dan kien isir id-dar taghha u kien jidher li l-attrici kienet taghmel hilitha biex tqatta' l-hin mat-tfal u kienu anke jiehdu gost, tant li fl-ahhar tal-access kienet taraha bid-dwejjaq ghax kien sar il-hin.

18.**J G,** zit l-attrici tispjega li gieli kienet tkun ghand omm l-attrici waqt l-access taht supervizjoni u ghalkemm kienet kuntenta li tqatta' hin mat-tfal, kien ikollha d-dwejjaq ghax kienet tixtieq li t-tfal ikunu maghha.

Minn dak li kienet tara waqt l-access kien jidher li t-tfal kienu kuntenti li qedghin m'ommhom u kienu jilghabu u jiehdu pjacir flimkien.

Tispjega li l-attrici kienet tiftah qalbha maghha u kienet tghidilha li l-konvenut kien jixrob u jpejjep u jonfoq il-flus fuqhom u anke kien isawwatha. Ma tantx kien ighatiha flus u kienet l-ewwel twarrab il-flus li kellha bzonn ghat-tfal.

Izzid tghid li l-konvenut ma kellux x'jaqsam xejn mat-trobbija tat-tfal u kienet dejjem tiehu hsieb l-attrici. Kienet taf li ghall-access, l-attrici gieli kienet tixtri l-helu ghat-tfal, pero' t-tifel R, qallha biex ma tixtrix izjed u dan minhabba li n-nannu patern kien jarmihom barra mit-tieqa u kien jibki ghalihom.

Tispjega li l-fatt li llum l-attrici ma tistax tara lit-tfal dan halla mpatt negattiv fuqha, tant li naqsilha l-aptit. A  li kienet tiehu hsieb it-tfal ma kinitx thalliha tarahom.

19.**Johanna Bartolo** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizultaw li l-partijiet ghandhom kont kull wiehed. F'isem l-attrici hemm kont li jgib in-numru 40018304583 li ghadu miftuh.[22] Hemm kont iehor f'isem il-konvenut bin-numru 40012977576 li ghadu miftuh.[23]

20.**Mario Vella**, ghan-nom tal-Primary Health Care jispjega li hu jahdem bhala Principal GP fejn jiehu hsieb li jqassam it-tobba fil-Health Centres. Dwar it-tilqim tal-minuri jikkonferma li Redeemer kien ha t-tilqim kollu. Fl-istess document jirrizultaw ukoll id-diversi appuntamenti li kellu l-minuri minhabba l-pala ta' saqajh u diversi appuntamenti medici ohra.[24]

Dwar H jikkonferma ukoll li t-tilqim huwa *up to date*[25] u l-istess ghal D .[26]

21.**Alexandra Borg Scerri**, pathologist tghid li kienet tara lil R meta gie ttrasferit minn Siggiewi District Clinic ghaz-Zebbug District Clinic fuq talba taz-zija AM. It-talba kienet giet approvata fit-2 ta' Novembru, 2018. L-ewwel attendenza nzammet fis-17 ta' Dicembru u baqghu sejrin sat-22 ta' Settembru, 2021. Fil-maggoranza t-tfal dejjem gew akkumpanjati minn zijithom A M u gieli kien hemm drabi fejn ma nzammux sezzjonijiet, izda dejjem kien hemm raguni. Is-sezzjonijiet kienu fuq *speech therapy*.

[22] Dok. JB 1
[23] Dok. JB 2
[24] Dok. MV 1
[25] Dok. MV 2
[26] Dok. MV 3

Gara ukoll li fis-7 ta' Lulju, 2021 kienet irceviet email minghand il-kollegi tas-Siggiewi District Clinic fejn infurmawha li kienu rcevew karta minghand il-Qorti tal-Familja li kienet tikkoncerna kemm lil R,  kif ukoll il D  fejn gew obbligati jghaddu informazzjoni lill-attrici dwar it-terapija li kienet qed tinghata lill-minuri. Imbaghad gara li fit-22 ta' Settembru, 2021, zijithom A M ,   infurmathom li kienet ser twaqqaf is-servizzi taghhom.

Tikkonferma li t-tifel ghand ghandu bzonn l-intervent tal-*ispeech pathologist*, ghax l-ispeech eligibility hija baxxa, kif ukoll hemm diffikultajiet in kwantu jirrigwarda l-lingwa.

22. **Grazielle Tanti**, *speech language pathologist* li tahdem fil-clinic ta' Haz Zebbug tikkonferma li kemm hi u pathologist ohra kienu jaraw lill-minuri. Illum tikkonferma li kienu waqqfu jmorru u dan wara li kienu rcevew telefonata minghand iz-zija tal-minuri. Ma nghatatx raguni ghalfejn twaqqaf is-servizz. Kienu ilhom jattendu mis-17 ta' Dicembru, 2018. Fir-rigward tat-tifel D tghid li kien hemm progress fejn tidhol il-lingwa, izda fl-i*speech* irid ikun hemm iktar progress.[27]

Kienu tal-ideja li l-minuri ghad kellhom bzonn terapija, izda ma setghu jisfurzaw lil hadd.

23. **Manoel Steve Fenech**, in rapprezentanza tal-Caritas fil-kapacita' tieghu ta' awditur u jahdem bhala volontier fil-vittmi fil-fondazzjoni vittmi uzura. Jikkonferma li kien jaf lill-attrici u dan minhabba li kienet marret ghandhom sabiex titlob l-ghajnuna taghhom peress li kienet issellfet xi flus

[27] Dok. GT 1

minghand il-familjari taghha sabiex thallas il-manteniment. Huma ma setghux ihallsu d-dejn, izda setghu jsegwuha u fil-fatt baqghet tattendi l-*meetings* u peress li kellha thallas il-manteniment kienu qed ighinuha permezz tal-benefatturi.

Ighid li kien rah li l-attrici kienet persuna stabbli li setghet trabbi familja u kellha dispjacir kbir li ma kellhiex kuntatt mat-tfal u li ma kinitx tarahom.

24. **Andreana Gellel**, social worker fit-Taqsima tal-Court Services tikkonferma li l-access bejn l-attrici u uliedha rega' beda fi Frar, 2022 darbtejn fil-gimgha. Ghall-bidu t-tfal kienu jibqghu go kamra separatament mill-omm ghax ma ridux ikellmuha u kienu anke johorgu mill-Appogg. Kien ghalhekk li kienu tkellmu ma' zijithom li mill-Agenzija 'l barra ma kinux responsabbli ghat-tfal. Minn hawn bdew joqoghdu gol-kamra.

Imbaghad kien hemm l-ahhar accessi fejn it-tfal talbu li jkellmu lill-attrici u kien it-tifel il-kbir fosthom li tkellem, fejn akkuza lil ommu li mhix ommhom, ma jhobbuhix u ma jridux jarawha. Akkuzawha ukoll talli qatlet lil ohthom u dan wara li dina t-tarbija kienet twieldet *still born*.

Ir-reazzjoni ghal dan kien li l-attrici baqghet kalma u ppruvat tispjegalhom. Illum qedghin jiltaqghu t-Tlieta u l-Gimgha, izda bejn it-tfal u l-attrici ftit hemm kuntatt ghax ma jridux lil ommhom fil-kamra maghhom.

Ghamlu *assessment* tal-ambjent u cioe' tad-dar fejn tghix l-attrici u jirrizulta li hemm spaziji fejn jistghu jkunu t-tfal u jghixu hemmhekk ukoll. Ghandhom ukoll sistema ta' support ukoll tajjeb hafna.

Dwar l-access minhabba c-cirkostanzi huwa wisq kmieni sabiex it-tfal imorru d-dar tal-attrici u anke qed jissuggerixxu li l-access jigi ezercitat bil-mod li l-ewwel jidhol it-tifel il-kbir ghal siegha, imbaghad is-siegha l-ohra jidhlu z-zewgt itfal l-ohra u dan minhabba li l-kbir qed jinfluenza lil hutu. Aktar tard xehdet li dina l-ideja ma gietx implimentata peress l-unika darba li kienu ppruvawha H ma kienx kuntent li jkun isseparat minn ma' hutu.

Tispjega li kienet dahlet nota f'dan is-sens fejn issuggerit li peress li l-minuri ghandhom karattri differenti, l-access idealment isir separatament, ikollhom siegha kull wiehed fil-gimgha u dan sabiex isiru jafu lil ommhom individwalment u jhossuhom ftit iktar komdi. Is-*social workers* jippruvaw ihegguhom, pero' ma jridux jissikawhom, ghax meta tefghulhom hafna pressjoni, it-tfal iktar kienu urtati u frustrati.

Tinsisti li hemm xi hadd qed itihom ideat lit-tfal rigward l-access ma' ommhom u anke minhabba jkunu jafu dwar il-proceduri l-Qorti, dwar ir-rikorsi u r-risposti, partikolarment it-tifel il-kbir. Izzid tghid li dan mhux preparament tajjeb ghat-tfal.

Tikkonferma li l-attrici dejjem attendiet ghall-access u dejjem ikkooperat. Dwar AM tghid rigward is-*supervised access* kellhom problemi sabiex jikkomunikaw maghha kemm bil-mowbajls, kif ukoll permezz ta' emails ghaliex ma kinitx tirrispondi.

In kontro-ezami kkonfermat li t-tifel il-kbir H  kien ammetta maghha li l-attrici kienet qasmitlu rasu u dan huwa mnizzel fir-rapport.

Stqarret ukoll li t-tfal ghall-bidu ma riedux jibqghu fil-kamra u tinnega li kienu jsakkruhom hemmhekk peress li l-bibien lanqas ghandhom *door knobs*. It-tfal kienu hargu mill-kamra u marru fir-reception u barra. Tghid li kien ghalhekk li kienet baghtet email lil AM  li l-Agenzija mhux responsabbli ghat-tfal li johrogu l-bieb 'il barra mill-Appogg, izda ma kinitx irrispondiet.

Kien hemm anke drabi fejn it-tfal ippruvaw jerfghu idejhom fuq il-haddiema tal-Agenzija sabiex johorgu mill-kamra. Dwar il-fatt jekk setghux jaharbu mit-tieqa, tghid li dan mhux possibbli peress li hemm il-hadid.

Presentement meta kienet qed tixhed tikkonferma li l-access jigi ezercitat darbtejn fil-gimgha ghal saghtejn kull darba u komunikazzjoni bejn il-minuri u ommhom issir fl-ahhar kwarta u dan fuq talba tal-minuri stess.

Tispjega ukoll li sabiex beda access l-ewwel saret it-terapija, izda ma saritx kif suppost pero' l-minuri kienu qed jirrifjutaw li jitkellmu fuq ommhom. Hayden kien jitlobhom biex ma jirreferux ghaliha bhala *mummy* peress li ma kinitx f'ghajnejh.

Bhala *supervisors* tispjega li l-ewwel iridu jibnu fiducja fis-social workers prezenti, sabiex il-minuri jkunu jistghu jafdawhom u jhossuhom iktar komdi, imbaghad dan iwassal sabiex jistghu jkunu iktar komdi

m’ommhom. Jekk it-tfal jinfluwenzaw lil xulxin kif qed isir, dan ha jtellef hafna. Illi ghalhekk kienu pprezentaw in-Nota tal-10 ta’ Marzu, 2022.

Iktar tard xehdet li t-tfal minuri R u D gew akkumpanjati mill-iskola ghal ghand l-attrici u minkejja li kienu kkomunikaw ma’ A u mal-avukat taghha sabiex ighaddu l-affarijiet necessarji lill-minuri dan ma sarx.

Minn naha taghhom tghid li kienu qed jaghmlu *spot checks*, anke fil-weekend fid-dar tal-attrici u l-minuri jidhru ssetiljati u huma kunfidenti fid-dar ukoll.

Minhabba problemi logistici, il-minuri kellhom ibiddlu l-iskola izda jidher li ssetiljaw hawn ukoll u l-kummenti mill-iskola taghhom hija wahda pozittiva.

Izid tghid li l-minuri mhumiex disposti li jitkellmu fuq il-konvenut, izda jkunu jridu jitkellmu dwar zijithom A .

25. **Lisa Conti** tghid li tiehu hsieb is-*supervised access* tal-minuri. Tghid li ghall-bidu tal-access kien hemm hafna resistenza ghas-*supervisor*s u ghall-attrici ukoll. Kienu jghajjarhom giddibien u kellhom ideja li huma qedghin hemm sabiex iwegghuhom, izda mbaghad akkwistaw il-fiducja. Izda in kwantu r-relazzjoni mal-attrici ma tantx kienu ghamlu progress ghax ma ridux kuntatt maghha.

Sal-5 ta’ April, 2022 meta xehdet, is-sitwazzjoni baqghet l-istess. L-attrici toqghod fil-kamra, filwaqt li l-minuri joqoghdu fil-bitha u jitkellmu

maghha. Tipprova ssaqsihom jekk iridux xi helu jew xi j*uice* li tkun gabitilhom ommhom, izda jirrifjutaw.

Kien hemm okkazzjoni minnhom fejn il-kbir H, wera x-xewqa li ried ikellem lil ommu u avzatha b'dak li hasbet li kien ser jinghad. Fil-fatt fil-presenza taghha, H akkuzaha li kienet qatlet lil ohthom, li kienet sawtitu u li kienet ser toqtol lil huhom. L-attrici ppruvat tispjegalhom li ma kinitx qatlet lil ohthom u kienet bkiet hafna. In kontro-ezami tghid li l-attrici ma semmiet xejn dwar il-qsim tar-ras. L-attrici kienet infurmatha li ma kinitx ser icedi u t-tfal imorru ghand iz-zija taghhom A.

Tghid li t-tfal jattendu l-access regolarment, izda tghid li hadd ma qallha sabiex jinfirdu t-tfal waqt l-access. Tikkonferma li t-tfal jitwasslu minn A (zijithom) li toqghod tistenna barra. Meta kienu jkunu go kamra b'tieqa ghal barra kienu jaraw lil zijithom u kienu jridu jmorru hdejha u ghalhekk bidlu u jidhlu go kamra bil-bitha.

Dwar H tikkonferma li gieli ikkoreggi lil hutu u jobduh u anke jekk ikunu ser johorgu mill-Appogg isejhilhom lura.

26. **Felix Camilleri**, fil-kapacita' tieghu ta' *social support worker* ikkonferma li l-minuri qed juri opposizzjoni ghall-access m'ommhom. Juru hafna resistenza. Minn mindu qedghin go kamra li taghti ghal go bitha qed johrogu mill-kamra, izda meta sabu lill-attrici hemm irrifjutaw li jikkomunikaw maghha. It-tfal huma mmexxiha minn huhom il-kbir H.

Dwar zijithom A, jikkonferma li dina kienet toqghod tistennihom barra u meta kienu jiltaqghu fil-kamra li kienet faccata tat-triq kienu l-hin kollu mohhhom fiha.

Jikkonferma ukoll li z-zewgt itfal minuri R  u D ghandhom problemi ta' speech.

Fl-ahhar access li gie ezercitat, l-attrici kienet fl-istess kamra u ppruvat timxi vicin tat-tfal.

27. **Charmaine Zammit** in rapprezentanza ta' Epic Communications Ltd tikkonferma li fuq isem il-konvenut jirrizulta li kien hemm *pre-paid account* li kien attiv bejn l-1 ta' Novembru, 2016  u t-18 ta' April, 2022. In-numru tal-mobile kien 99342869 irregistrat fuq isem il-konvenut. Peress li huwa *pre-paid account* ma hemmx kontijiet.[28]

28. **Karen Cremona** in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonfermat li qatt ma kien hemm vetturi rregistrati fuq isem l-attrici. Dwar il-konvenut tikkonferma li llum hemm erba' vetturi rregistrati fuq ismu, filwaqt li fil-passat kien hemm vettura wahda.

Wahda minn dawn il-vetturi li ghandu presentement tinstab iskrappjata Lada EAC 828. Dwar multi u penali tispjega li fuq il-vettura GAN 821 Seat Ibiza kien hemm CVA fee li tammonta ghal €6.64, filwaqt li fuq il-vettura Kia Pride EBI 504 hemm fee ta' €116.24 u l-vettura Hyundai Accent GAB 549 ghandu €1047.

---

[28] Dok. CZ 1

Tikkonferma li dawn il-vetturi kollha ghandhom il-licenzja skaduta.[29]

29. **Norbert Pulis**, Kap tal-Iskola Primarja tal-Marsa fil-Kullegg San Gorg Preca pprezenta dokumentazzjoni dwar l-attendenza u l-andament tal-minuri R u D  fl-iskola.[30]

30. **PC 659 Clayton Abela** jispjega li fl-1 ta' Mejju, 2022 kien sar rapport minn A M li H , kien qed jircievi messaggi "Help, Help, Help" fuq Microsoft Teams minghand huh. Fl-istess hin kienet dehret l-attrici, flimkien mal-partner taghha sabiex taghmel rapport li xi hadd dahal fil-Microsoft Teams tat-tifel iz-zghir u kienu qed jintbaghtulu messaggi.

Jikkonferma li fuq dan ir-rapport kienu gew infurmati tal-Cyber Crime, li ghadhom ma kkonkludewx l-investigazzjoni da parti taghhom.

Dwar A M    ighid li dakinhar stess meta talabha tohrog 'il barra mill-Ghassa sabiex jidhlu l-attrici u l-partner taghha, akkuzat lil dan tal-ahhar li kien refa' idejh fuqha. Jghid li sakemm kien hemm hu ma kienx rah xejn minn dan. Kien qalilha sabiex tmur iggib certifikat mediku u taghmel rapport u hekk ghamlet, izda r-rapport kien hadu xi pulizija iehor peress li kien spicca x-xift sakemm giet. [31]

[29] Doks. KC 1 – KC 3
[30] Doks A – E annessi mal-affidavit tieghu
[31] Doks. CA 1 – CA 3

31. **Randolph Peresso**, Assistant Kap tal-Iskola Siggiewi, ikkonferma li l-minuri R u D kienu jattendu l-iskola tieghu, imbaghad gew trasferiti ghall-iskola primarja tal-Marsa.

Jikkonferma li z-zewg minuri kienu t-tnejn "statemented" u ghalhekk kellhom LSE kull wiehed u li kien jaf li kienet iz-zija AM li kienet tiehu hsiebhom.

Ighid li dak li kien jikkoncernahom dak iz-zmien kien il-fatt li t-tfal kellhom problema ta' "speech" izda kien jaf li zijtihom kienet qed tehodhom ghat-terapija, ghax kienet tmur tigborhom mill-iskola meta kellhom appuntament. Peress li kienu *statemented* kien hemm ukoll problemi ta' akkademija.

Ighid li qatt ma ra lill-genituri tat-tfal u kien dejjem jirreferi lil zijithom. Kien hemm darba biss fejn gie l-konvenut minhabba H.

32. **Glenn Grixti**, Ufficjal tal-Probation li ilu jsegwi lill-konvenut minn Awissu 2020 u f'Settembru, 2020, il-konvenut kien spicca l-habs. Kien beda jsegwih peress li kienet inharget *provisional order of supervision*. Il-kaz kien fuq serq u anke kaz li kien ta n-nar lil karozza.

Jispjega li fil-bidu kien jibghat ghall-konvenut, izda dejjem kien isib xi skuza biex ma jattendix sakemm spicca l-habs. Ighid li fis-sezzjonijiet li kien ikollu mal-konvenut kienu jitkellmu dwar it-tfal u li ma kienx qed jarahom. Lanqas ried ikollu Skype sessions maghhom ghax wara dawn is-

sezzjonijiet kien ikollu d-dwejjaq u kien jippreferi li ma jkollux kuntatt maghhom.

Jikkonferma li bhala *behaviour* ma kellhomx problemi bil-konvenut, li anke qabel kien jahdem bhala gardinar fil-habs stess. Ighid pero' li qed isegwih biex huwa jiehu ghajnuna psikjatrika. Jikkonferma ukoll li fil-passat kien ikollu kuntatt m'omm il-konvenut u anke m'ohtu.

Issa li l-konvenut hareg mill-habs, jikkonferma li ghadu qed isegwi lill-konvenut u hafna drabi jattendi. Jara li jattendi l-appuntamenti mal-psikjatra. Jispjega li minn mindu l-konvenut hareg mill-habs kien sab impjieg bhala *cleaner*, izda keccewh u ghalhekk wiehed mill-emfazi li qed jaghmel huwa li jsib xoghol regolarizzat sabiex ikollu struttura f'hajtu u dan l-iktar sabiex ikun jista' jkampa mill-obbligi tieghu finanzjarji f'aspetti differenti tal-hajja.

33. **Corinne Cilia** ilha ssegwi lill-partijiet minn April, 2023. Tghid li ma tkellmitx mal-konvenut ghaliex l-ewwel riedet tibni rapport b'sahhtu mat-tfal u dan wara li kellha l-ewwel sessjoni mal-minuri li kienu jidhru li ghandhom bzonn sapport emozzjonali u psikologiku. Kien jidher ukoll li t-tfal ma kienux komdi li jaghmlu kuntatt ma' missierhom.

Tghid li r-raguni ghaliex tahseb li mhumiex lesti u ghalkemm difficli tikkomunika mat-tfal zghar minhabba li ghandhom problemi ta' *speech,* kienet taraha l-mod kif jirreagixxu u ghalhekk kienet tipprova tikkalmahom u jekk jirnexxielha tkompli bis-sessjoni. Jidher li qed jaghmlu progress kbir u jhossuhom *safe* psikologikament.

Meta jsemmu lil missierhom isemmu l-glied li kien ikun hemm bejn il-konvenut u ohtu u anke man-nannu taghhom. L-iktar li jitkellem huwa Hayden u ftit iz-zghar minhabba li ma jitkellmux sew u qed tissuspetta li dan huwa minhabba t-trawma li ghaddew minnha.

Dwar il-fatt li fil-passat gew abbandunati minn ommhom u jekk dan halla impatt fuqhom, tispjega li ghalkemm bdiet isegwi lit-tfal minn April pero' l-attrici kienet f'stadju ta' hajjitha fejn kienet stabbilit ruhha. Tkellmet mal-attrici diversi drabi u tara li l-verzjonijiet taghha jaqblu ma' dawk tas-CPS, ir-rapporti tal-iskola, mill-psyhcologists minn naha tac-Child Protection Services.

It-tifel il-kbir in partikolari H, huwa *close* hafna m'ommu u jammetti hu stess li kien gie *brainwashed* minghand zijtu. Illum jipproteggi lil ommu hafna u anke jipproteggiha minn hutu ghaliex bhalissa R  ghaddej minn perjodu fejn qed ikun disrispettuz lejn ommu u anke hutu. Izid tghid li H sar tifel vera rispettabbli u matur.

Tghid li bejnha u H  inbena rapport ta' fiducja u tirrapprezenta xi haga ta' *safety* ghalih. Tant hu hekk li fit-tieni sessjoni taghhom hassu komdu jitkellem dwar l-abbuz li kien assoggettat ghalih. Dan tkellem fuqu quddiem ommu li kienet prezenti, pero' kien diga' tkellem maghha.

Tghid li in segwitu ghal dan sar rapport minn H  li gie akkumpanjat mill-genituri tieghu, pero' tikkonferma li kien ghadu ma sar xejn u tixtieq li tisma' fuq il-progress li sar. Tghid li hija konvinta li jridu johorgu izjed

affarijiet. It-terapija huwa process u minhabba t-trawma jista' jaghti l-kaz li ser ikollha ssegwi lil dawn it-tfal fit-tul biex tara l-beneficcji.

Ittenni li llum it-tfal huma *supported* sew u mixjin tajjeb. Hemm sapport minn naha taghha, minn naha tal-iskola u anke mic-Child Protection Services u sahansitra anke da parti tal-attrici u l-partner taghha. Tghid li kemm it-tfal minuri kif ukoll l-attrici jhossuhom komdi jitkellmu maghha kull meta jhossu l-htiega u anke meta l-affarijiet mhumiex posittivi.

Tikkonkluda billi tghid li l-minuri R , kien insolenti lejn ommu u meta tkellmet mieghu stqarr li dawn il-kliem kien gabuhom minghand iz-zija li kienet tghidhom fil-konfront tal-attrici. Meta jkun irrabjat mal-attrici ghax igieghlu jlesti l-*homework* qabel ma jilghab il-*Playstation* u jibda jisma l-vucijiet li kien jisma qabel. Tammetti li ppruvat tispjegalu sabiex ma jiftakarx fil-passat u juza dawn il-kliem ghaliex ma jaghmlulux gid.

Prezentement tikkonferma li l-minuri R ghandu bzonn mhux lilha biss, izda anke l-ghajnuna ta' psikjatra li qed tghinu jiehu l-medicini minhabba l-|ADHD u tghinu ukoll il-psychologist minn naha tas-SIPS u qed jarawh darba fil-gimgha.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**<u>Responsabbilita'</u>**

L-attrici qed taddebita l-htija ta' dina s-separazzjoni lill-konvenut u dan minhabba li rrenda ruhu hati ta' sevizzi, vjolenza, mohqrija u glied.

Fil-kaz **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis- 27 ta' April, 2017, il-Qorti enuncjat hekk:

> ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***
>
> ***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***
>
> ***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas that l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Il-partijiet jaqblu li kellhom gherusija tajba u l-problemi bdew wara li kellhom l-ewwel tarbija H . Sa dak iz-zmien kienu lanqas ghadhom izzewwgu. Peress li dak iz-zmien kienu ghadhom ighixu mal-ġenituri tal-konvenut, dan tal-ahhar ried li jmorru jghixu go post mikri. L-attrici ttenni li l-konvenut kien iddecieda li jieqaf jahdem, filwaqt li hi kellha tohrog tahdem u tipprova tlahhaq mal-ispejjes. Il-konvenut kien ighaddi l-granet jixrob u ipejjep.

L-attrici ssemmi hafna episodji u incidenti li sehhew qabel iz-zwieg li gie ccelebrat fil-21 ta' Dicembru, 2013. L-attrici tammetti li kienet izzewwget peress li r-relazzjoni taghhom kienet wasslet fi stadju fejn il-konvenut beda jheddidha li ser jehodilha t-tfal u ghalhekk ippreferit li jizzewwgu sabiex ikollha l-kura u kustodja tat-tfal, kif irragunat hi.

Fil-fatt, sa sena wara kienu diga' bdew bil-proceduri ta' separazzjoni u t-tfal kienu ttiehdu mill-konvenut habta u sabta, bl-ghajnuna ta' ohtu A M .

Kemm il-konvenut kif ukoll ohtu AM , jitkellmu dwar id-difetti tal-attrici, ukoll dawn jirreferu fil-maggoranza ghall-perjodi ta' qabel iz-zwieg. Ghalihom l-attrici kienet tapprofitta ruhha minnhom u kienet titlobhom il-flus, kienet anke tiddependi minn AM ghat-tfal. Oht il-konvenut tishaq li kienet hi li kienet tiehu hsieb it-tfal, tehodhom l-iskola, ghand it-tabib u dan kollu sabiex tghin lill-attrici li da parti taghha ma tantx kienet prezenti f'hajjet it-tfal. Ciononostante, anke jekk dan kien il-kaz, il-Qorti tifhem li f'dawk ic-cirkostanzi, l-attrici ma kinitx fi stat mentali li tiehu hsieb it-tfal jekk kienet qed tbati minn *depression* u kienet tkun rieqda hafna mill-hin,

cirkostanzi mhux fuori mill-komun peress li fil-hajja ta' kuljum, kwalsiasi persuna assoggettata ghall-esperjenza kerha f'hajjitha tista' twassal ghall-perjodu ta' dlam. Pero' fl-istess waqt jekk wiehed jaghraf li ghandu problema u jehtieg li jipprova jsolviha, hija t-triq li twassal ghall-irkupru u hekk fil-fatt ghamlet l-attrici, izda minflok sabet familja paterna li approffittaw mill-vulnerabbilita' taghha biex jimmanipulaw it-tfal minuri u jehoduhom 'l boghod minn ommhom.

Kemm il-konvenut, kif ukoll AM jikkorroboraw il-verzjonijiet taghhom li l-attrici kienet ghamlet hafna dejn mal-hwienet u spiccaw li kellhom ihallsuhom huma. Kienet anke serqet minn fuq ix-xoghol u dan mhux darba, tnejn. Madanakollu, provi dwar dan ma tressqux.

Il-konvenut jattribiwixxi l-problemi tal-attrici minhabba li wara li t-tieni wild taghhom kien twieled *still born*, waqghet f'*depression* kbira, tant li kellha ssegwi psikjatra u anke spiccat ghamlet zmien Mount Carmel. Fuq dan m'hemmx kontestazzjoni.

Kemm il-konvenut, kif ukoll ohtu AM li tikkorrobora l-verzjoni tieghu fejn prattikament l-affidavit taghhom huwa "copy and paste" ta' xulxin, isemmu li l-attrici kemm il-darba ttentat taghmel suwicidju tant kienet hazin u biex izid mal-problemi ma kinitx taf m'inhu missierha u meta talbet lil ommha biex tghidilha dina rrifjutat. Dan jimpingi fuq il-kredibbilita' taghhom.

Dr. Ethel Felice fil-kapacita' taghha ta' Consultant Psychiatrist kienet tikkura lill-attrici fil-perjodu ta' *depression* u kkonfermat li fil-*psychiatric*

*unit* l-Isptar bejn it-23 ta' Awissu u t-2 ta' Settembru, 2013. Tikkonferma li l-iktar problema li kellha l-attrici kienet li kien ikollha perjodi ta' *depression* fejn hi thossha mdejjqa u ma trid taghmel xejn u jkollha *bed-seeking behaviour*. Kienet tatha kura ta' *anti-depressants* u qalbet ghall-ahjar.

Dr. Felice gharfet ukoll li kien perjodu difficli ukoll ghall-attrici ghaliex kien hemm problemi d-dar u kienet marret tghix ghand ommha peress li l-konvenut kien ighajjarha hafna talli tilfu t-tarbija. Illum Dr.Felice kkonfermat li l-attrici mis-sena 2016 kienet ikkurat id-*depression,* tant li ma kinitx imdejjqa, l-aptit kien tajjeb u kienet torqod bil-lejl. Kienu waqqfu l-hsibijiet li riedet tmut u lanqas ma kienet anzjuza kif ukoll ma kienx hemm sintomi li mhux in touch mar-realta'. Ma kienx hemm psikozi. Kienet anke bdiet tahdem part-time u l-unika haga li kellha kienet li qed timmissja lil uliedha ghaliex kienet tarahom darba fil-gimgha.

Minkejja dawn il-problemi kien fl-istess sena li l-attrici kellha d-*depression* li l-kontendenti zzewwgu u jekk il-konvenut kien konsapevoli li l-attrici ma kinitx mentalment f'postha dak iz-zmien ma jistax jippretendi li z-zwieg ikun kollu ward u zghar. Kellu jkun ta' sappport ghall-martu, izda minflok, hu u ohtu AM hadu vantagg tas-sitwazzjoni sabiex anke dawru t-tfal minuri kontra ommhom.

L-istess A M tikkorrobora l-verzjoni tal-attrici li wara z-zwieg, tant kien hemm problemi li l-konvenut kien qabad il-vizzju tax-xorb u anke tal-loghob eventwalment. Kien anke pprova jikkonvinci lill-attrici li kien qed

jahdem fil-barriera, meta l-attrici kienet konvinta li dawn kienu kollha gideb peress li kien jigi lura d-dar minghajr sinjali ta' trab u b'riha ta' xorb. Gie attribwit anke l-adulterju kommess da parti tal-attrici, izda ma tressqux provi konvincenti f'dan is-sens.

Mhux eskluz li minhabba l-istat mentali tal-attrici, wasslet sabiex kellha apatija kbira fuqha, tant li hasset ma setghetx tmexxi familja u d-dar, tant li sabet wens f'AM , li sfortunatament minflok ghenet is-sitwazzjoni avvelenat it-tfal u waslet sabiex l-attrici kellha tigi mifruda mill-istess uliedha.

Ghalhekk mill-assjem tal-provi ma jezistu l-ebda estremi li jistghu jigu attribwiti lill-attrici, izda indubbjament il-htija jirrizulta li l-konvenut huwa responsabbli ghas-separazzjoni minhabba li rrenda ruhu hati ta' eccessi u mohqrija fil-konfront tal-attrici.

**Kura u Kustodja**

Il-partijiet kellhom tlett itfal H, R u D . Sfortunatament, il-maggorparti tal-kawza kienet tiffoka fuq il-kura u kustodja tal-minuri fejn kellhom jintervjenu d-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal.

Kien hemm diversi cirkostanzi li wasslu ghat-tibdiliet fil-kura u kustodja, kif indikat fid-diversi Noti pprezentati mid-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal, fuq imsemmija, fejn kien hemm zmien fejn kienet giet fdata lill-konvenut u anke giet fdata f'-idejn A M , oht il-konvenut. Tul dan il-perjodu, il-minuri bdew jirresistu li jiltaqghu m'ommhom u anke waqt l-

access fl-Appogg kien difficli peress li kien H , il-kbir fost hutu, li kien jikkmanda u hutu z-zghar kienu jaghmlu dak li kien ighidilhom. Waqt l-access kienu jghajru lill-attrici li kienet qatlet lil ohtom u li kienet isawwat kemm lilhom, kif ukoll lill-konvenut.

Jirrizulta ukoll li tfal iz-zghar u cioe' R u D ghandhom problema bl-*ispeech* u jehtiegilhom terapija li qed isegwu. Mill-provi jirrizulta li AM kienet tehodhom regolarment, sakemm hareg digriet ta' dina l-Qorti fejn l-attrici nghatat dritt li tkun infurmata bi kwalsiasi trattament li qed isir fuq it-tfal u konsegwentement AM infurmat lil Grazielle Tanti, *speech language pathologist* tat-tfal li ser twaqqaf it-terapija. L-istess Tanti tikkorrobora dina l-verzjoni u li AM qatt ma tatha raguni ghalfejn waqfet it-terapija.

Kien mar-rapport tad-Direttorat tat-2 ta' Marzu, 2022, fejn ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz bdew jiehdu xejra differenti u minn fejn jirrizulta li l-attrici kienet "***emozzjonalment u logistikament ippreparata li tilqa' lil uliedha fid-dar taghha***" u kienet anke lesta li tiehu kull ghajnuna professjonali sabiex jiggwidawha, filwaqt li ghandha ukoll sapport mill-familjari taghha.[32]

Fil-verbal tal-5 ta' April, 2022, il-Qorti ordnat illi l-minuri R u D jibdew jirrisjedu mal-omm u dan wara hafna intoppi li kienet qed tohloq AM sabiex jigi ezercitat l-access mal-omm. Mill-minuta li dawn il-minuri marru jghixu mal-attrici adattaw ghall-ambjent gdid minghajr

[32] A fol. 432-434

diffikultajiet u huwa car li kellhom ideja hazina ta' ommhom. Irrealizzaw li ommhom thobbhom ukoll.

F'dan l-istadju, il-minuri H , li dejjem hass li ghandu sens ta' responsabbilita' lejn hutu. Andreana Gellel u Kristie Xuereb in rapprezentanza tad-Direttorat gharrfu li l-minuri Hayden "***hadha fuq spallejh li jiggieled kontra ommu u ghalhekk wiehed ma jistax jistenna l-istess bidla ta' imgieba li jista' jkollu bhal hutu."*** Ghalkemm osservaw li ma kienx ser ikun ta' gid ghall-minuri li jibqa' jghix f'ambjent "***fejn qieghed jisma' interpretazzjoni wahda tas-separazzjoni tal-familja u mhux tal-genituri u l-lealtajiet tieghu huma rizultat ta' influenzi b'sahhithom li mhux qedghin ihalluh ikollu bilanc***.*"*[33] Kien ghalhekk li rrakkomandaw li l-minuri H, jitpogga gewwa *home* bhala post newtrali fejn ighix biex b'hekk ikollu ukoll sapport psikologiku. Gie rrakkomandat ukoll li l-minuri R u D ma jkollhomx kuntatt mal-familja paterna.

Fir-rapport tad-Direttorat tal-11 ta' Ottubru, 2022, Kristie Xuereb irrakkomandat li peress li nstabet *home* ghall-minuri H ghall-granet tal-iskola, irrakkomandaw ukoll, wara li saret konsultazzjoni mal-attrici, li jirrisjedi maghha u ma' hutu fil-weekend u vaganzi ohra.[34]

Ciononostante, dina r-rakkomandazzjoni kienet difficli biex timplimenta ruhha peress li kif dejjem ghandu jkun, l-ewwel iridu jitharsu l-interessi tat-tfal minuri u peress kien jidher li H kien ghadu qed jirresisti li jkun ma' ommhu, li jirrisjedi maghha u ma' huhtu iktar kien ser ikun tad-detriment ghalihom gialadarba l-istess minuri kienu lahqu l-istabbilita'

[33] A fol. 544
[34] A fol. 554

taghhom u r-relazzjonijiet mal-attrici tjiebu. Dan kollu gie rrakkomandat fin-Nota tad-Direttorat datat 11 ta' Jannar, 2023.[35]

B'digriet taghha tat-2 ta' Frar, 2023 il-Qorti hasset li mhux iktar fl-ahjar interess li H jibqa' jghix maz-zija paterna AM u ordna li *pendente lite* l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata f'idejn l-attrici[36] u dan gie segwit b'ordni ta' protezzjoni favur l-attrici u t-tlett minuri fil-konfront tal-konvenut u l-familjari tieghu u b'digriet taghha tas-7 ta' Frar, 2023 issospendiet l-access ghall-istess konvenut u familjari tieghu kemm virtwalment, kif ukoll telefonikament ghall-perjodu indefinit[37].

Il-periklu jirrizulta car, peress li l-familja paterna bla ebda mod mhi qed tosserva l-ordni ta' protezzjoni mahruga minn dina l-Qorti u addiritura A AM sabet lil certu NM, habib ta' H fejn tatu €200 sabiex jikkonvinci lil H jivvinta affarijiet kontra l-attrici u heddidtu li jekk ma jobdix ittajjru bil-karozza. Fil-fatt gie esebit rapport li sar mill-istess NM mal-Pulizija.[38]

Sfortunatament, f'dan il-kaz il-Qorti tippreokkupa ruhha izjed meta l-istess minuri zvelaw li zijthom paterna AM u cioe' l-persuna, li ghal certu perjodu rabbiet l-istess minuri, kienet tabbuza minnhom fizikament u anke sesswalment. Dan gie zvelat l-ewwel mill-minuri H meta kien qieghed sezzjoni mat-terapista Corinne Cilia mqabbda minn dina l-Qorti. Kollha ammettew ukoll li kienu jigu mheddha mill-istess zija li jekk jitkellmu ser taghtihom daqqa ta' sikkina jew daqqa ta' karozza. Il-Qorti

[35] A fol. 582
[36] A fol. 584
[37] A fol. 586
[38] A fol. 674

m'ghandha ebda informazzjoni dwar jekk ittiehdux passi mill-Pulizija f'dan ir-rigward.

Ciononostante, it-terapija ma' Corinne Cilia kellhu effett pozittiv hafna fuq il-minuri H,  tant li l-attrici waslet sabiex tikkonferma li mit-tlett uliedha kien spicca l-iktar kalm u ssetiljat, iktar minn hutu ghaliex, in partikolari R kien qed ikollhom imgieba aggressiva. Fil-fatt, kien qed jigi ssuggerit li jsegwu ukoll terapija ma' Corinne Cilia. [39]

L-istess Cilia tikkonferma l-progress li ghamel H  u li llum ghandu relazzjoni tajba immens mal-attrici, tant li huwa *protective* hafna taghha. Iz-zewg minuri, donnhom jghiru ghal dina r-relazzjoni bejn huhom u l-attrici u xi kultant jaghmlu xenata fejn jghajru lil ommhom bi kliem dispreggjativi, kliem li jammettu huma stess li semghu minghand zijithom A M  kontra ommhom. R , addiritura ammetta li jibda jisma' l-vucijiet tal-passat u ma jistax jikkontrolla milli jirrepeti dawn il-kliem.

L-istess Cilia tikkonferma ukoll li jirnexxielha tikkalma l-minuri kollha meta sserhilhom mohhom li kollox ha jkun issettiljat. L-iskola jidhru li mexjin tajjeb ukoll. Cilia kkonfermat ukoll li fl-attrici u s-sieheb taghha sabu l-istabbilita' u l-imhabba li tant kellhom bzonn. Ghalhekk irrakkomandat, li gialadarba l-minuri waslu fuq dan il-livell fir-relazzjoni mal-attrici, wara hafna xoghol u terapiji, emfasizzat li m'ghandu jkun hemm ebda forma ta' access jew kuntatt maz-zija paterna  AM .

[39] Nota a fol. 704

Fil-gurisprudenza nostrana zvilluppa l-kuncett li decizjoni dwar kura u kustodja tat-tfal tiddependi fuq x'inhu l-aqwa vantagg u l-ahjar interessi tal-minuri. Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'decizjonijiet li jirrigwardaw minuri bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox l-aqwa interess tal-minuri. Infatti, fil-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[40] gie dikjarat li: ***"Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal,"*** kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon u Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino** fejn gie ritenut li ***"r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat–tfa***l".

Fil-kawza **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[41] intqal:-

> ***"Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil–ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill–principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c–cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin meta jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."***

[40] ***Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru2668/1996/2RCP***
[41] ***. Rik.Gen.Nru.:571/2021JPG***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'decizjonijiet li jirrigwardaw minuri bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox l-aqwa interess tal-minuri. Infatti, fil-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[42] gie dikjarat li: ***"Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal , "*** kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon u Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino** fejn gie ritenut li ***"r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat−tfa***l".

It-tfal ghaddew minn hafna,  kif gie sottolineat minn dina l-Qorti tul is-snin u recentement biss jidher li waslu fi stadju fejn hemm certa stabbilita' f'hajjithom u dan minhabba li hemm l-attrici u s-sieheb taghha li jmur tajjeb mat-tfal, hemm ukoll Corinne Cilia, l-iskola, ic-Child Protection Services li kollha joffru sapport lill-minuri. Inoltre, peress li presentement R, qed ikun naqra problematiku jkun jehtieg, kif irrakkomandat Corinne Cilia, illi jibqa' jigi segwit minn psikjatra, isegwi terapija maghha ukoll, kif ukoll ikompli jara lil SIPS fejn diga' qieghegd jattendi darba fil-gimgha.

Ghaldaqstant, ikun fl-ahjar interess tal-minuri li jigu fdati esklussivament fil-kura u kustodja tal-attrici, b'dan li m'ghandux ikun hemm ebda forma ta' kuntatt, kemm virtwali, telefoniku jew fiziku ma' zija paterna u cioe' A M .

**<u>Access</u>**

---

42 ***Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz `Numru2668/1996/2RCP***

Illi peress li fil-mori tal-kawza sehhew tant affarijiet li prattikament minn mindu bdew il-proceduri kien hemm *U-turn* totali favur l-attrici, fejn illum il-minuri H , R u D qed ighixu maghha.

In vista tal-imgieba hazina tal-konvenut u l-familja tieghu f'diversi okkazzjonijiet, partikolarment iz-zija AM , qed ikollu impatt negattiv fuq il-minuri, iktar u iktar meta saru allegazzjonijiet da parti tal-minuri kollha li kien hemm abbuz fiziku kif ukoll sesswali da parti taghha u li kienet theddidhom kemm il-darba kienu jippruvaw jikxfu l-verita'.

Di fatti, dina l-Qorti waslet ukoll sabiex harget ordni ta' protezzjoni a favur l-attrici u l-minuri fil-konfront tal-konvenut u l-membri tal-familja tieghu kemm b'mod virtwali u anke telefoniku ghall-perjodu indefinit. Il-konvenut inoltre fil-mori tal-proceduri kien qed jiskonta l-habs wara li nstab hati fuq serq u hemm ukoll allegazzjonijiet li saru da parti ta' omm l-attrici li l-konvenut kien gieghel lil H , jisraq minn go hanut ghax kienet ratu xi membru tal-familja taghha. Fuq kollox, ingabu provi li kien hemm diversi okkazzjonjiet fejn il-konvenut u anke l-familja tieghu sfidaw l-ordni ta' protezzjoni bi pregudizzju ghall-minuri,

Presentement jirrizulta li H , qabad it-triq it-tajba u jinsab kalm, seren u anke ssettiljat mal-attrici u ghalkemm kien indeciz jekk riedx kuntatt mal-familja paterna jidher li mhux fl-ahjar interess tieghu ghaliex hemm wisq riskji li dawn ser ihottu dak kollu li t-terapisti u psikjatri rnexxielhom jibnu u verament dina l-Qorti tfarrahom ghax-xoghol siewi li wettqu f'dan il-kaz tant sensittiv fejn il-minuri gew sfruttati u abbuzati, b'tali mod u

manjiera li jekk ma kienx ghall-intervent ta' dawn il-professjonisti hajjithom kienet ser tigi mmarkata b'griehi fondi u koroh. Il-psikoterapista Corinne Cilia waslet biex anke thassbet jekk verament il-problemi ta' *speech* li jbatu minnha R u D humiex il-konsegwenza tal-abbuz li l-esperjenzi koroh li ghaddew minnnhom dawn l-istess minuri, kif ukoll ohrajn li ghad iridu johorgu fil-berah.

Gie kkonfermat mill-istess Cilia li bis-sapport li qed jircievu l-minuri, minghandha, mill-iskola, minghand l-attrici u s-sieheb taghha, mill-Child Protection Services kif ukoll l-SIPs, dan l-istess sapport ghandu jitkompla ghax b'hekk it-tfal minuri jistghu jergghu jissetiljaw, partikolarment iz-zewgt itfal minuri R u D , peress li issa l-folja nqalbet u huma jhossu hafna biza li l-familja paterna ser jaghmlu xi haga lill-attrici.

Ghaldaqstant, kwalsiasi access mal-konvenut ghandu jibqa' sospiz ghal zmien indefinit, b'dana li l-istess minuri ghandhom ikomplu jigu ssapportati kif qed isir illum u sakemm Corinne Cilia ma tinfurmax lil dina l-Qorti li hemm cirkostanzi fejn jista' jinbeda l-access dan m'ghandux jigi ezercitat bla ebda mod u lanqas m'ghandu jkun hemm ebda forma ta' kuntatt mal-konvenut u mal-familjari tieghu kemm virtwalment kif ukoll telefonikament u l-istess ordni ta' protezzjoni mahruga minn dina l-Qorti fis-7 ta' Frar, 2023 ghandha tibqa' fis-sehh.[43]

**Manteniment**

[43] A fol. 586

Kif diga’ gie rrilevat minn dina l-Qorti, fil-mori tal-proceduri l-konvenut kien il-Habs u kien segwit minn Probation Officer Glenn Grixti, li ghadu jsegwih illum. Dan ikkonferma li meta l-konvenut kien hareg mill-habs kien beda jahdem bhala *cleaner*, izda tkecca. Illum qed jinsisti mal-konvenut li ghandu jsib xoghol regolarizzat biex ikollu struttura f’hajtu u sabiex ikampa mal-obbligi tieghu finanzjarji. Intant qieghed ukoll jara psikjatra Dr.Giorgio.

Ciononostante, il-fatt li persuna huwa dizokkupat ugwalment jirrikjedi li dik il-persuna tkun obbligata tikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri u l-manteniment ghandu jigi ddeterminat skond il- bzonnijiet ta’ min qed jitlob il-manteniment u l-mezzi ta’ dik il-persuna minn ghand min qed jintalab il-manteniment.

Fil-21 ta’ Lulju, 2023, l-attrici pprezentat rikors fejn talbet li jkun hemm zieda fil-manteniment peress li sa dak iz-zmien it-tifel H, ukoll spicca fil-kura u kustodja taghha. Il-konvenut da parti tieghu pprezenta r-Risposta tieghu. Fid-29 ta’ Novembru, 2023, dina l-Qorti ordnat li l-manteniment li ghandu jithallas mill-konvenut ghat-tlett minuri ghandhu jizdied ghal €450 fix-xahar, filwaqt li ghandu jhallas ghal nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, kif ukoll ghan-nofs l-ispejjes extra-kurrikulari.[44]

Fir-risposta tieghu, il-konvenut ilmenta li ma jistax jircievi beneficcji socjali imhabba l-fatt li jirrizulta li ghandu tlett vetturi rregistrati fuq ismu, meta effettivament dawn il-vetturi jinstabu ghand l-attrici u ma jafx x’ghamlet bihom.

---

[44] A fol. 695

L-istess document mahrug mid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali fis-6 ta’ Novembru, 2023, jirrikjedi biss dokumenti tal-assikurazzjoni li juri l-valur tal-vetturi in kwistjoni GAB 549, EBI 504 u GAN 821, kif ukoll logbooks tal-istess vetturi. Jirrizulta mix-xhieda ta’ Karen Cremona, in rapprezentanza ta’ Transport Malta li wahda mill-vetturi hija skrappjati u l-licenziji tal-bqija mhux imhallsin.

Ma ngabux provi li dawn il-vetturi jinstabu ghand l-attrici, hlief li ghamel biss allegazzjoni l-konvenut. Di piu’ facilment jista’ jipprezenta d-dokumentazzjoni mehtiega sabiex jikkwalifika ghall-beneficcji socjali u dan ghall-vetturi li sew jigu assenjati lilu kif ser jigi deciz iktar ‘l quddiem fl-intestatura “Komunjoni tal-Akkwisti.”

Minn dakinhar li nhareg id-digriet tal-Qorti datat 29 ta’ Novembru, 2023, il-konvenut naqas li jressaq provi ohra sabiex jiggustifika li dan l-ammont ta’ manteniment ghandu jitnaqqas. Ghalhekk peress li ma jirrizultawx bdil ta’ cirkostanzi, il-Qorti tikkonferma dan id-digriet taghha u tordna li l-konvenut, filwaqt li tissolectitah sabiex isib impjieg, li jhallas is-segwenti:-

i) Manteiment ghat-tlett minuri fis-somma ta’ €450 fix-xahar, liema manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja;
ii) Il-manteniment ghandu jibqa’ jithallas sakemm il-minuri jilhqu l-eta’ ta’ tmintax-il sena jew jibdew jahdmu jew jekk qed jistudjaw fuq bazi *full time* sakemm jaghlqu 23 sena.
iii) Ic-childrens allowance ghandu jigi ppercepit mill-attrici.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Dwar il-komunjoni tal-akkwisti jirrizulta li l-kontendenti bil-kemm ipprezentaw provi. L-unici provi jirrigwardaw il-kontijiet bankarji fejn Johanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li l-partijiet ghandhom kont kull wiehed.

Karen Cremona in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonfermat li hemm erba' vetturi rregistrati fuq isem il-konvenut presentement u wahda minnhom hija skrappjata Lada EAC 828. Dwar multi u penali tispjega li fuq il-vettura GAN 821 Seat Ibiza kien hemm CVA fee li tammonta ghal €6.64, filwaqt li fuq il-vettura Kia Pride EBI 504 hemm fee ta' €116.24 u l-vettura Hyundai Accent GAB 549 ghandu €1047.

Jirrizulta ukoll li dawn il-vetturi kollha ghandhom il-licenzja skaduta.[45]

Hemm ukoll kont pre-paid fuq il-mobile tal-konvenut ma' Epic Communications.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tiddeciedi li :-

i) Il-kontijiet bankarji ghandhom jinzammu mill-parti li lilhom jghajjat l-istess kont;

ii) Il-vetturi Seat Ibiza GAN 821 u l-Kia Pride EBI 504 ghandhom jigu assenjati lill-attrici, filwaqt li l-Hyundai Accent GAB 549 ghandha tigi assenjata lill-konvenut, filwaqt li kwalsiasi kontijiet pendenti u

[45] Doks. KC 1 - KC 3

licenzji skaduti fuq l-istess vetturi ghandhom jithallsu mill-konvenut.

iii) Il-kont pre-paid tal-mobile tal-konvenut ma' Epic Communications ghandu jigi assenjat lilu.

iv) Kwalsiasi debiti li setghu ghamlu l-partijiet qabel u fil-mori tal-kawza ghandhom jibqghu responsabbli ghalihom dik il-parti li ghamlithom.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg u dan minhabba eccessi u mohqrija.
2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti.
3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tiddikjara li l-konvenut ikkaguna l-firda bejn il-kontendenti sa mild-data taz-zwieg u cioe' l-21 ta' Dicembru, 2014 u tapplika *in toto* jew in parte kontrih l-artikoli 48, 51, 52 u 53 tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni, tenut kont tal-attiv kif ukoll tal-passiv konsistenti tal-istess komunjoni.

5. Tilqa’ l-hames, is-sitt u s-seba’ talba attrici u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser fl-intestatura “Komunjoni tal-Akkwisti.”
6. Tilqa’ t-tmien talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi l-attrici ghandha tigi fdata esklussivament bil-kura u kustodja tal-minuri u dan fl-ahjar interess taghhom,
7. Tilqa’ d-disa’ talba attrici u tordna illi l-minuri jghixu permanentment mal-attrici.
8. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ghaxar talba stante dak li gie deciz fit-tmien u d-disa’ talba.
9. Tilqa’ l-hdax-il talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas manteniment skond kif deciz fl-intestatura “Manteniment” iktar ‘l fuq.
10. Tilqa’ t-tnax-il talba u tawtorizza lill-attrici sabiex tibda tippercepixxi tali manteniment direttament mill-paga tal-konvenut jew minn xi dipartiment jew awtorita’ li minghandha jkun qed jircievi xi forma ta’ introjtu u/jew beneficcju.
11. Tilqa’ t-tlettax-il talba attrici.

**Kwantu ghall-kontro talba tal-konvenut:**

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tal-hames kontro-talba, stante dak deciz fis-sentenza.

Tichad it-tieni, it-tielet u r-raba’ kontro-talba.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Onor. Imhallef Dr.  Anthony J. Vella**

**Cettina Gauci – Deputat Registratur**